

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.7.2008  
KUMM(2008) 431 finali

2008/0131 (CNS)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi irriformular-Regolamenti (KE) Nru 2702/1999 u (KE) Nru 2826/2000 f'Regolament wieħed.

Din il-bidla naqqset u ssimplifikat b'mod konsiderevoli l-proċeduri amministrattivi f'dik li għandha x'taqsam ma' l-implimentazzjoni ta' din il-politika, billi pprovdiet qafas legali waħdieni li ffaċilita l-aċċess għas-sistema u l-parteciġazzjoni fiha.

Madankollu, għad hemm lok għal titjib leġiżlattiv sabiex jippermetti lill-Istati Membri interessati jħejju programm rilevanti fil-każ fejn l-organizzazzjonijiet proponenti ma jixtqux iressqu programmi li jiġu attwati f'pajjiż terzi. Programmi mħejjija mill-Istati Membri jistgħu jkopru waħda jew iktar mill-azzjonijiet ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu (1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008.

Permezz ta' din l-emenda, l-Istati Membri se jkollhom l-possibbiltà li jwessgħu l-ambitu ta' l-azzjonijiet koperti minn dawn il-programmi, kif ukoll li jsejħu għall-għajnuna ta' organizzazzjonijiet internazzjonali meta jiġu biex jimplimentawhom, speċjalment fil-każ ta' programmi ta' promozzjoni għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ ta' l-ikel f'pajjiżi terzi.

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-baġit Komunitarju.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

### **li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Għall-partijiet interessati fil-politika ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli, il-qafas ġuridiku waħdieni stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008<sup>1</sup> iffaċilitalhom l-aċċess għas-sistema u l-parteciċipazzjoni fiha. Il-proċeduri amministrattivi involuti fit-twettiq ta' din il-politika tnaqqsu u ġew issimplifikati b'mod sinifikanti permezz ta' l-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku waħdieni.
- (2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jipprovdi li fil-każ li ma jkunx hemm programmi biex jiġu attwati fis-suq intern, l-Istati Membri konċernati għandhom il-possibbiltà li jħejju programm. Fil-każ li l-organizzazzjonijiet proponenti ma jixtixqu iressqu programmi biex jiġu attwati f'pajjiżi terzi għal waħda jew iktar mill-azzjonijiet ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) (a), (b) u (c) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri konċernati ma għandhomx jitħallew iħejju programm rilevanti.
- (3) L-Istati Membri interessati għandhom jiġu offruti l-possibbiltà, b'mod partikolari, li jwessgħu l-ambitu ta' l-azzjonijiet koperti minn dawn il-programmi kif ukoll li jsejġu għall-għajjnuna ta' organizzazzjonijiet internazzjonali meta jwettquhom, speċjalment fil-każ tal-programmi ta' promozzjoni għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda f'pajjiżi terzi.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

---

<sup>1</sup> ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.

*Artikolu 1*

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Il-proċedura li għandha tissegwa f'każ ta' nuqqas ta' programmi ta' informazzjoni għas-suq intern u l-pajjiżi terzi**

1. Fin-nuqqas ta' programmi li għandhom jiġu attwati fis-suq intern, għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(b), imressqa skond l-Artikolu 6(1), kull Stat Membru interessat għandu jħejji, abbażi tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 5(1), programm u l-ispeċifikazzjoni tiegħu, u jagħżel permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti l-korp inkarigat mit-twettiq tal-programm li jkun qiegħed jimpenja ruħu għall-kofinanzjament tiegħu.
2. Fin-nuqqas ta' programmi li għandhom jiġu attwati f'pajjiżi terzi, għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(a), (b) u (c), imressqa skond l-Artikolu 6(1), kull Stat Membru għandu jħejji, abbażi tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 5(2), programm u l-ispeċifikazzjoni tiegħu, u jagħżel permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti l-korp inkarigat mit-twettiq tal-programm li jimpenja ruħu għall-kofinanzjament tiegħu.  

Il-korp inkarigat mit-twettiq tal-programm li jkun eventwalment intaġħzel mill-Istat(i) Membru/i konċernat(i) jista' jkun organizzazzjoni internazzjonali, speċjalment meta l-programm ikollu x'jaqsam mal-promozzjoni tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa jew dak taż-żebbuġa ta' l-ikel f'pajjiżi terzi.
3. L-Istat(i) Membru/i għandu/hom iressqu l-programm magħżul lill-Kummissjoni skond il-paragrafi 1 u 2, flimkien ma' opinjoni motivata dwar:
  - (a) kemm ikun opportun il-programm;
  - (b) il-konformità tal-programm u tal-korp propost ma' dan ir-Regolament, u, jekk ikun il-każ, mal-linji gwida applikabbli;
  - (c) il-valutazzjoni tal-valur għall-flus tal-programm;
  - (d) l-għażla tal-korp inkarigat mit-twettiq tal-programm.
4. Għall-finijiet ta' l-eżami tal-programmi min-naħa tal-Kummissjoni, għandhom japplikaw l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(1).
5. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2), il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi limiti aktar baxxi jew oġhla f'dak li jirrigwarda l-ispiża reali tal-programmi mressqa skond il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawn il-limiti jistgħu jinbidlu skond in-natura tal-programmi kkonċernati. Il-kriterji applikati jistgħu jiġu ddeterminati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*